.

# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 23 ta' Mejju, 2002**

**Numru 8**

**Cit. Nru. 392/02(F1) GCD**

**HSBC Bank Malta plc**

**Vs**

**David u Maria Anna sive Marielle konjugi Curmi u John u Pauline konjugi Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-attrici li bih, wara li ppremettiet:

Illi l-konvenuti konjugi Curmi bhala debituri principali u l-konjugi Micallef bhala garanti solidali huma debituri lejn is-socjeta` attrici fis-somma ta' Lm48,920.92 kwantu ghal Lm44,211.49 kapital u Lm4,709.43 imghax sat-28 ta' Frar 2002, liema

somma hija dovuta ghal brevi manu moghti b'"Sanction Letter" tat-8 ta' Marzu, 1999, sussegwentement kopert b'ipoteka permezz tal-kuntratt tal-14 ta' Ottubru, 1999, in atti Nutar Dottor John Gambin;

Illi l-konvenuti gew interpellati jhallsu dan id-debitu, izda baqghu inadempjenti;

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta` attrici, il-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu kontra t-talba attrici ghall-hlas ta' l-imsemmi debitu;

Talbet illi din in-Qorti:

1. tiddeciedi l-kawza bid-dispensa mis-smigh a tenur ta' l-artikolu 167 et seq. tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. tikkundanna lill-konvenuti in solidum ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmienja u erbghin elf, disa' mija u ghoxrin lira u tnejn u disghin centezmi (Lm48,920.92), liema somma hija dovuta ghal self kif fuq imsemmi b'dan pero` li l-garanti konjugi Micallef ghandhom ikunu tenuti jhallsu sa Lm45,000 u imghax

relattiv minn sitt xhur qabel l-interpellazzjoni ghall-hlas;

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet ulterjuri mill-1 ta' Marzu, 2002, kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat in-nota li biha l-attrici cediet it-talbiet safejn maghmula kontra l-konvenuti konjugi Micallef;

Rat in-nota tal-konvenuti konjugi Curmi li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti Curmi, it-talba dedotta fic-citazzjoni kontra taghhom tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti Curmi, tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attrici kif dedotta fic-citazzjoni kontra taghhom, bl-ispejjez kontra l-konvenuti konjugi Curmi.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm